# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-sittax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 10 t' Ottubru 2011 fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard |
| | Is-Sur Tony Formosa |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| | Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghal-hmistax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ic-Chairperson qal li l-ghazla ghal Gieh Fleur-de-lys ghandha ssir f'Ottubru. Is-Sur Emmanuel Farrugia rigward 5.1 qal li dan ghandu jigi mibdul bil-kliem ' wara l-laqgha saret diskussjoni ma' Analise Schembri'.

F'dan l-istadju s-sur Emmanuel Farrugia qal li jixtieq li l-agenda mghandiex tkun daqshekk uniformi u li suggetti specifiki ghandhom jitnizzlu fl-agenda.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 15

Il-minuti tal-hmistax il-laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.
Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjur Antoine Attard.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl ic-Chairperson, s-Sur Ronald Briffa qal li s-segretarju kiteb lic-Chairperson tal-Enemalta kif ukoll lis-Sur Carmel Abela mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jinfurmhom b'din il-problema. Dwar in-nuqqas ta' dwal fi Sqaq il-Fniek ic-Chairperson qal li dan kien inkluz f'din l-ittra.

4.2 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li s-Sur Emmanuel Farrugia, s-Sur Antoine Attard kif ukoll is-Sur Anthony Formosa kienu prezenti ghall-laqgha mal-Onor. Chris Said. Is-Sur

Antoine Attard qal li wasal iz-zmien li ssir pubblicita rigward dan il-bieb. Is-Sindku qal li huwa mportanti li l-ewwel ghandu jkun hemm tishih fuq dan il-progett. Meta dan isir in-nies ta' Fleur-de-Lys ghandhom jigu nformati b'dak li kien qed jigri. Ic-chairperson qal li ghandu jintwera l-'video clip' dwar l-akwadott fejn dan jispicca b'tghoma hazina billi jghid li wara hafna zmien kollox baqa' kif kien. Issa wara li nholoq il-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys l-affarijiet hadu spinta.

4.3 Dwar is-soft area ta' hdejn Santa Monika c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li x-xoghol issa tlesta jzda kien hemm problema minhabba r-rampa ghad-disabled. Din ghandha ssir u l-problema tigi risolva.

4.4 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li jixtieq li fi triq l-Indjana jkun hemm parkegg bl-arlogg u mhux *residents' parking*. Is-Sindku qal li kienu saru tahdidiet mat-Tranport Malta u din is-sistema kellha tigi applikata f'diversi zoni gewwa Birkirkara meta johrog il-permess mill-istess awtorita.

4.5 Dwar l-Arriva, ic-Chairperson qal li s-segretarju kien kiteb lil din il-kumpanija biex jghaddi l-ilmenti u ssugerimenti tar-residenti ta' Fleur-de-Lys. Ghalkemm sar dan wiehed ghandu jzomm f'mohhu l-problemi li hemm fit-trasport publiku in generali u ghalhekk dawn il-problemi qed jiehdu z-zmien biex jigu solvuti. Hu kien ssuggerixxa li l-125 kellha tibqa' sejra dritt il-Belt ghax hafna karozzi li jghaddu minn Fleur-de-Lys qed jaslu mimlijin. Mhux talli dan ma garax, izda din ir-rotta tnehhiet. Huwa zied jghid li jekk din il-problema ma tigix solvuta ghandu jinholoq servizz privat biex ir-residenti ta' Fleur-de-Lys ikunu moqdija.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Rigward il-girja tal-5K, ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li ghandha ssir laqgha biex jigu diskussi l-ahhar preparamenti. Din il-laqgha ghandha ssir fiz-19 t'Ottubru 2011. Is-Sur Antoine Attard qal li sejjer ikun hemm zewg premjijiet ta' €50, tnejn ta' €30 u tnejn ta' €20. Dawn ghadhom jithallsu mill-fondi allokati ghal din l-attivita.

5.2 Is-Sur Tony Formosa tkellem rigward it-tim tal-futboll li jikkonsisti minn xi tnejn u ghoxrin player. Huwa qal li l-problema li ghandu hija wahda ta' finanzi. L-ideja biex jinholoq dan it-tim kienet innizjattiva tajba imma wiehed irid il-finanzi biex dan ikun possibbli. Is-Sindku qal li wiehed ghandu japplika ghal fondi bhal 'Good Causes Fund' u fondi ohra li huma offruti mill-Ewropa ghal dawn l-affarijiet. Gie ssuggerit ukoll li ghandu jsir xi tip ta' *fund raising*.

5.3 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa dwar Gieh Fleur-de-Lys qal li l-kummissjoni tal-ghazla sejra tiltaqa' nhar it-tlieta 18 t'Ottubru 2011 fil-bini tal-kunsill. L-ghazla ghandha ssir sa' 27 t'Ottubru 2011. Dwar l-attivita din ghandha tkun wahda formali. Ghandhom jigu mistiedna l-membri tal-kunsilli ta' Birkirkara u Santa Venera. Hu jixtieq li jistieden kor ghal din l-okkazjoni. Din l-okkazjoni ghandha ssir fid-29 t'Ottubru 2011.

5.4 Rigward l-problema tal-iskips, is-Sindku qal li huwa kien qed jistudja l-possibilita li jitwahhlu CCTV cameras. Is-Sur Antoine Attard u c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qalu li huma jixtiequ li dawn jitnehhew. Hawnhekk is-Sindku ssuggerixxa li ssir '*petition*' jekk ir-residenti qed jghidu li dawn ghadhom jitnehhew. Is-Sindku zied jghid li tar-regjun qablu li wiehed ghandu jenfasizza izjed fuq il-Green Wardens milli wardens tat-traffiku. Il-kumitat qabel li l-infurzar mill-wardens ghandu jibda minnufih.

5.5 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa dwar l-azjenda tal-Konika qal li huwa kien infurmat mic-chairman ta' din il-kumpanija li xtaq jinawgura l-ufficini l-godda fil-gnien ta' Fleur-de-Lys. Huwa qal li xtaq li l-gnien ikun irrangat bil-patt li kull sena jaghti €3,000 biex dan il-gnien jinzamm fi stat tajjeb. Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li b'dan il-mod sejrin igawdu r-residenti ta' Fleur-de-Lys.

5.6 Is-Sur Anthony Formosa qal li tal-'Kanadiz' issa qed jipparkja l-karozzi ma' kullimkien. Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li dan ghandu jieqaf jekk isir parkegg bil-hin.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fis-7.05pm u giet aggornata ghal nhar it-Gimgha, 25 ta' Novembru 2011, fl-4.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Ronald Briffa | Is-Sur Arthur Pizzuto |
| Chairperson | Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv |